# Il-Patt Ekoloġiku u li nkunu aktar Ewropej huma l-aħjar ħaġa li tista' tiġri lil Malta

## L-akkużi tal-lobby tal-kaċċaturi li BirdLife Malta qed tagħmel ħsara lil Malta huma redikoli u mhux demokratiċi

L-aħħar Proċeduri ta' Ksur li fetħet il-Kummissjoni Ewropea kontra l-Gvern Malti dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa u l-insib huma riżultat tal-fatt li l-Prim Ministru Robert Abela qed jingħata pariri żbaljati mill-Ministru Clint Camilleri. Malta fl-2020 messha qed tingħaqad mal-Patt Ekoloġiku Ewropew (European Green Deal) u mhux tieħu miżuri biex teqred aktar bijodiversità.

Malta għandha tkun konxja li ma tistax tkun Stat Membru tal-Unjoni Ewropea *à la carte* u li l-ispirtu tat-Trattat tas-Sħubija fl-UE għandu jiġi rispettat. Aktar minn hekk, BirdLife Malta ssejjaħ lill-Ministru Miriam Dalli biex twettaq l-impenji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li sa fl-aħħar qed iżżomm lill-Gvern Malti kontabbli għad-deċiżjonijiet żbaljati li jinfetħu derogi tal-kaċċa u l-insib ibbażati fuq il-parir ħażin ta' Clint Camilleri, ir-reputazzjoni ta' Malta tpoġġiet f'dawk ikrah minħabba deċiżjonijiet li ħaduna lura fiż-żmien.

L-akkużi li BirdLife Malta qed tagħmel il-ħsara lil Malta huma tad-daħk u redikoli. Tul it-58 sena li ilha mwaqqfa, BirdLife Malta ġabet miljuni ta' liri Maltin u ewro għall-ekonomija Maltija fl-oqsma tal-edukazzjoni, ir-riservi naturali u r-riċerka. Fl-aħħar 16-il sena ta' sħubija fl-Unjoni Ewropea, ksibna b'suċċess miljuni ta' ewro f'fondi biex jiġu impjegati ħaddiema fil-qasam tal-ambjent u dak tar-riċerka xjentifika.

Il-lobby tal-kaċċaturi, għall-kuntrarju, ħadem bis-sħiħ sabiex jiddefendi drawwiet skaduti, jirrikatta politiċi bil-vot, joqtol speċi protetti u jimblokka miżuri ta' konservazzjoni li minnhom se jgawdu ġenerazzjonijiet futuri.

L-għaqdiet tal-kaċċaturi f'Malta messhom jirrealizzaw li wasal iż-żmien li jieqfu jieħdu l-privileġġi tagħhom bħala stat ta' fatt u li l-azzjonijiet abbużivi tagħhom – b'mod partikolari bil-kaċċa u l-insib illegali – ilhom għexieren ta' snin jagħmlu l-ħsara lil Malta, bil-konsegwenza li llum ksibna r-reputazzjoni ta' pajjiż fejn "kulma jtir, imut".

BirdLife Malta tappella lill-Prim Ministru Robert Abela u lill-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech biex jirrealizzaw li l-maġġoranza l-kbira tal-Maltin u l-Għawdxin mhumiex kaċċaturi jew nassaba u jridu jgħixu f'pajjiż modern li jħaddan il-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mhux jerġa' lura minnhom.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org